**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 12 ta’ Lulju 2001**

**Rikors Nru: 73/99A**

**Martin u Juliana Aquilina**

**Vs**

**Simonds Farsons Cisk plc**

Il-Bord,

Ra r-rikors li jghid;

Illi, huma jikru minghand is-socjeta' intimata il-fond numru 59, Zachary Street, Valletta bil-kera ta' elf u mitt liri Maltin (LM1100) fis-sena li jithallas kull sitt xhur bil-quddiem fl-1 ta' Jannar u fl-1 ta' Lulju.

Illi permess ta' ittra ufficjali prezentata fl-10 ta' Marzu 1999 is-socjeta' intimata avzat lill-esponenti illi ma kienetx bi hsiebha iggedded il-kirja tal-fond in kwistjoni jekk mhux bil-kera ta' elf tliet mija u hamsin liri Maltin (Lm1350) fis-sena u dan in vista ta' l-ispejjez inkorsi mis-socjeta' intimata biex taghmel xogholjiet u tiswijiet strutturali fis-soqfa ta' l-istess fond.

Illi x-xogholijiet u tiswijiet imsemmija kienu riparazzjonijiet ta' natura straordinarja u sabiex jirrimedjaw ghal sitwazzjoni mill-aktar perikoluza u b' hekk a karigu tas-sid skond il-ligi.

Illi, ghal kull buon fini, jigi dikjarat li f' rikors simili deciz fit-2 ta' Dicembru 1993 dan il-Bord kien cahad it-talba tas-socjeta' intimata ghal zieda fil-kera.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta' intimata mhijiex tenibbli u ghandha tigi respinta.

Ghalhekk, l-esponenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu jichad it-talba tas-socjeta' intimata.

Ra <u>r-risposta;</u>

Illi is-societa' esponenti tissottometti li t-talaba kontenuta fir-rikors ghandha tigi michuda fil-waqt li t-talba tal-esponenti kif tinsab dedotta fl-Ittra Ufficcjali taghha tal-10 ta' Marzu, 1999, (Dok. A) ghandha tigi approvata u dan fid-dawl tal-ispiza kbira inkorsa mis-sid biex biddel is-soqfa tal-fond in kwistjoni. Il-fatt li t-tiswijiet setghu kienu responsabilta' tas-sid, huwa immaterjali ghax il-ligi tippermetti zieda fil-kera kull meta jsiru t-tiswijiet (artikolu 4 tal-Kap.69 tal-Ligijiet ta' Malta). Qed jigu esebitit (Dok. B sa D) kopji ta' tlett dokumenti indikanti x-xogholijiet u l-ispiza li saret fil-fond in kwistjoni u dak meritu tal-kawza l-ohra fl-istess ismijiet numru 74/99/A.

Ra li dan ir-rikors mexa konteswalment mar-rikors fl-istess ismijiet 74/99.

Ra d-digriet tieghu tas-27 ta' Frar 2001 fejn gew nominati periti teknici l-AIC Renato La Ferla u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti li tqeghdet ghad-dispozizzjoni tal-partijiet li rremettew ruhhom ghaliha.

Ra l-verbal tal-31 ta' Mejju 2001

Billi mir-relazzjoni ta' l-imsemmija periti jirrizulta li l-kera ghandu jkun ta' Lm1210 fis-sena l-Bord qed jaghti permess lill-intimati li jghollu l-kera ghal Lm1210 fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem fl-1 ta' Jannar u fl-1 ta' Lulju, l-ewwel skadenza fl-1 ta' Lulju 1999; spejjez bla taxxa, salvi l-jeddijiet tar-rikorrenti a tenur ta' l-artiklu 6 tal-Kap 69.

| | |
|---|---|
| Dep.Reg | Magistrat |